## IT-TIENI SEZZJONI
## APPELLI KUMMERĊJALI

**28 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Paolo Borg nomine

*versus*

Avukat Dottor Paul Xuereb et. noe.

**Ġurisdizzjoni — Polza ta' Kariku — Ġirata in bjank.**

*L-polza ta' kariku tista' tiġi trasferita anki in bjank. Mandat ta' sekwestru kontra minn jibgħat il-merkanzija u jdawwar il-polza, ma jkollux effett kontra l-possessur ta' dik il-polza.*

*Meta polza tiġi trasferita anki in bjank, il-proprjeta ta' dik il-merkanzija tiġi trasferita lill-possessur ta' dik il-polza, u dan ma jistgħax jiġi ritenut bħala prokuratur ta' min dawwar il-polza.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine — wara li ppremetta illi d-ditta xtrat mid-ditta konvenuta għoxrin xkora lewż ta' ħamsin kilo kull xkora bil-prezz ta' ħames mija u tmien xelini per mitt kilo, nieqsa tlieta fil-mija (3%) u li kuntrarjament għal dan il-ftehim id-ditta konvenuta meta għamlet l-ispedizzjoni ta' din il-merkanzija per-

mezz tal-vapur Celio illi wasal Malta fis-17 ta' April, 1962 ffatturat il-prezz bir-rata ta' ħames mija u tmien xelini ku ħamsin kilo meno skont ta' tlieta fil-mija (3%) ammontan għal erba' mija u tnejn u disgħin lira, ħmistax il-xelin u tlett soldi (£492.15s.3d.) illi l-esponent kellu jħallas, kif effettivament ħallas — biex ikun jista' jirtira l-merkanzija, u li b'dan il-mod l-attur ħallas mitejn u sitta u erbgħin lira, seba' xelini u seba' soldi (£246.7s.7d.) aktar mill-prezz miftihem, u għandu id-dritt għar-restituzzjoni ta' dana l-ammont — talab li, — il-konvenuti jiġu kkundannati jirrestitwixxu lilu għar-raġunijiet fuq imsemmija, is-somma ta' mitejn u sitta u erbgħin lira, seba' xelini u seba' soldi (£246.7s.7d.). Bl-imgħaxijiet mis-27 ta' April 1962, u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-27 ta' April, 1962.

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi nomine li biha qalu li peress li f'dak l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti, jirrimettu ruħhom għall-provi, b'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Ġunju, 1962 li biha laqgħet it-talba ta' l-attur bl-imgħaxijiet kummerċjali mitluba u bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat:—

Mill-atti tal-kawża u in partikolari mill-att promotorju tal-proċess jirriżultaw il-fatti a bażi ta' l-azzjoni odjerna Id-dokumenti u d-diposizzjoni ta' l-attur jikkorroboraw dawk l-istess fatti. Kontra dawn il-fatti d-ditta konvenuta ma avanzat ebda difiża.

Illi kwindi t-talba attriċi hija ġustifikata.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti nomine u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi -sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-uniku lment dedott mill-appellanti fil-petizzjoni ta' l-appell kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex ġurisdizzjoni fil-kawża Huma jsostnu illi l-ammont ta' flus li l-appellat kien issekwestra f'idejn in-National Bank of Malta bil-mandat ta' sekwestru tas-27 ta' April, 1962 ma jappartieniex u ma kienx jappartjeni f'dik id-data lid-ditta "Figli di Mario Mastrolonardo" ta' Bari rappreżentata minnhom, peress illi dik id-ditta kienet qabel dak inhar innegozzjat id-dokumenti rappreżentativi tal-merċi favur il-"Banca Nazionale del Lavoro" ta' Bari li għaldaqstant kienet saret il-proprjetarja tal-merkanzija u kreditriċi tal-prezz. U peress illi l-istess ditta konvenuta m'għandiex proprjeta oħra hawn Malta, il-Qrati ta' Malta m'għandhomx ġurisdizzjoni rigward tagħha.

Din l-eċċezzjoni tal-appellanti hi fondata fuq il-paragrafu (g) ta' l-art. 743 kombinat mal-paragrafu (a.) ta' l-art 742 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Il-kawża tirrigwarda kwantita ta' lewż li l-attur kien xtara mingħand id-ditta konvenuta bil-prezz, kif jgħid hu u kif anki donnu jidher mid-dokumenti eżibiti, ta' ħames mija u tmien xelini għal kull kilo nieqes 3% kummissjoni. Din il-merkanzija waslet hawn Malta bil-vapur "Celio" fis-17 ta' April, 1962. Peress illi sa dak inhar kien għad ma waslux id-dokumenti li fuqhom il-prezz kellu jitħallas u l-merkanzija setgħat tiġi rtirata, l-attur irtiraha, skond l-użu,

fuq garanzija bankarja maħruġa minn National Bank of *Malta*. "Data *idonea garanzia*" jingħad fis-sentenza Vol. XXII, III, 209, "l'agente è obbligato per uso costante in commercio di consegnare la merce senza il preventivo ritiro della polizza di carco." Xi ġranet wara l-attur irċeva l-fattura fol. 13 li fuqha l-prezz tal-merkanzija ġie mniżżell bil-508 xelini, inkluża il-kummissjoni tat-3%, għal kull kilo. Waslu wkoll id-dokumenti lin-National Bank of Malta għall-ħlas. L-attur ġie nfurmat l-għada li waslu d-dokumenti, ċioe fil-25 ta' April, 1962. Fis-27 ta' April, l-attur ħallas l-ammont kollu kif kien jidher dovut skond id-dokumenti, iżda fl-istess ħin hu ġagħal li jiġi eżegwit sekwestru f'idejn il-Manager tan-National Bank of Malta għall-ammont ta' mitejn u sitta u erbgħin lira, seba xelini u seba soldi (£246.7s.7d.) li ppretenda li kien ħallas eċċess. **Dan is-sekwestru ġie maħruġ biss kontra d-ditta appellanti.**

Issa l-kwistjoni hi jekk il-flus imħallsin mill-attur kontra d-*dokumenti* fuq *imsemmija, konsistenti fil-fattura u ċertifikati* ta' assigurazzjoni fol. 22 u 23 (li l-attur eżebixxa in prim'istanza) u l-'polizza di carico' (li l-attur ippreżenta quddiem din il-Qorti bin-nota tiegħu) setgħet jiġu milquta bl-imsemmi sekwestru.

Mid-dokument (li hu kopja awtentikata tad-dokument eżibit mal-petizzjoni) jirriżulta illi fis-16 ta' *April*, 1962, *jiġifieri wara li l-merkanzija* kienet ġiet karikata għab-bord taċ-"Celio" fl-14 ta' April, u qabel ma waslet Malta, id-ditta appellanti, speditriċi u karikatriċi tal-merkanzija kienet skontat il-kreditu tagħha ndikat fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u disgħin lira, ħmistax il-xelin u tlett soldi (£492.15s.3d.) mal-"Banca Nazionale del Lavoro" ta' Bari u d-dokumenti rappreżentativi, billi l-import, bid-deduzzjonijiet speċifikati, ġie akkreditat lilha fil-kont kurrent

tagħha ma dik il-Banca. Il-polizza ta' kariku ġiet mid-ditta appelanti ġirata in bjank, kif jidher mit-timbru tagħha u firma ta' amministratur fuq id-dahar tal-polza fl-ispazju riżervat għall-ġirati u konsenjata lil-Banca ta' Bari.

Hi liġi espressa illi l-polza ta' kariku tista' tiġi trasferita b'ġirata anki in bjank (art. 414 (2) Kodiċi tal-Kummerċ). Dan jidher li kien konformi għall-użu tal-pajjiż anki qabel il-promulgazzjoni ta' dak il-Kodiċi. Fil-kawża "Negoz. Hag Abdalla Ben Arus vs. Negoz. John Rose" (App. Civ. 24/9/1858) intqal: "La polizza, secondo l'uso e consuetudine di questa piazza, è trasferibile mediante girata anche in bianco e con la sola sottoscrizione del girante sopra la polizza. Giusta il detto uso e consuetudine la girata, anche in bianco, trasferisce la proprieta al possessore e questa non si ritiene come semplice procuratore del sue girante. . . . La girata e il possesso della polizza, anche in bianco, importa la presunzione a favore del giratario o possossore che abbia avuto luogo la ricevuta del valore salva la prova contraria."

L-istess dottrina ġiet riaffermata fis-sentenza riportat fil-Vol. XX P. III p. 5 fejn intqal: "Come è stato ritenuto il 22 Gugno 1899 in re "Chapelle vs. Smith" sulla scorta delle dottrine ivi citate, e come è elementare in materia commerciale, la polizza di carico rappresenta la merce e la merce vien trasmessa colla girata della polizza mediesima o col la semplice consegna quando questa fosse al portatore ovvero fosse stata girata in bianco." (ara fl-istess sens. Vol. XXIII, I 917).

Għalhekk meta l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta hi ma kienetx għadha iżjed tappartjeni lid-ditta appellanti iżda kienet tappartjeni lill-Banca ta' Bari. L-attur li, skond

il-kuntratt, ma satax jirtiraha ħlief kontra d-dokumenti u wara li jkun ħallas l-import tagħhom, għażel li jirtiraha bis-saħħa ta' garanzija bankarja, iżda dana ma jistax jinnewtralizza r-relazzjonijiet tiegħu lejn dik il-Banca li, intant, kienet saret l-unika proprjetarja tagħha u kreditriċi ta' l-import tad-dokumenti ġirati favur tagħha kontra korrispettiv komplet u, sa fejn jidher, in buona fede.

Meta n-National Bank of Malta irċeva d-dokumenti w ippresentahom għall-ħlas lill-attur, dak il-Bank ma kellux f'idejh titolu tal-merċi u kreditu tad-ditta appellanti, iżda titolu tal-Banca ta' Bari u l-flus li rċeva mingħand l-attur bħala ħlas fuq dawk id-dokumenti tal-merċi rappreżentata minnhom ma kienux, dak il-waqt, jappartjenu fl-ebda sehem lid-ditta appellanti iżda lil dik il-Banca ta' Bari.

Għalhekk is-sekwestru maħruġ u eżegwit kontra d-ditta appellanti ma satax validament jikkolpixxi dawk il-flus. Ta' spettanza tad-ditta appellanti n-National Bank of Malta ma kellu xejn f'idejh. Kif intqal fis-sentenza Vol. XX fuq ċitata "un mandato di sequestro od una opposizione qualunque contro chi spedisce la merce e gira la polizza non ha effetto contro il possessore della polizza": u jekk ma setgħatx fil-konfront tal-Banca ta' Bari tiġi sekwestrata l-merkanzija b'mandat maħruġ kontra d-ditta appellanti anqas setgħu jiġu sekwestrati l-flus imħallsin kontra d-dokumenti li kienu jirrappreżentawha.

Id-dottrina tal-Qrati tagħna fuq ċitata mhix difformi mid-dottrina u l-liġi Taljana, anzi tidher li taqbel magħha. "La polizza di carico" — jgħid Giuseppe Lombroso — "Può essere girata in bianco con tutti gli effetti della girata piena; e cio a termini della disposizzioni relative alla cambiale applicabili per espresso richiamo fatto dall'art. 556 alla poliz-

za di carico . . . . Dato il trasferimento della disponibilita della merce per effetto della girata, o l'acquisto dei diritti reali da parte del giratario nel carico, **sarebbe nullo il sequesro operato in danno del caricatore che abbia girato la polizza ad un terzo"** (il Codice di Commercio Vol. V. p. 203). Din ir-riferenza għal-liġi u d-dottrina Taljana qiegħda ssir u għandna importanza għaliex jidher li hu prinċipju ta' dritt internazzjonali privat komunement aċċettat illi l-kwistjoni jekk il-ġiratarju ta' "bill or note" jakkwistax il-proprjeta tagħhom tiddependi mil-liġi tal-post fejn l-allegat trasferiment isir, ċioe il "lex loci actus." (Dicey "Conflict of Laws" 7th Ed. p. 855). Fil-każ preżenti l-ġirata u li skont saru l-Italja.

Mix-xhieda ta' Joseph Tonna Barthet u mid-dokumenti li hu eżibixxa jidher ċar fejn sar l-ekwivoku. Hu xehed "Meta ġew id-dokumenti kienu juru li l-merkanzija kienet ritirabbli kontra d-dokumenti . . . . . Jiena rajt li ma kienx hemm kambjali u **ivverifikajt ukoll li l-polza ta' kariku ma kienetx ġiet ġirata** u għalhekk deherli li l-flus li kienu ġew imħallsin mill-attur għall-merkanzija kienu milquta mis-sekwestru . . . . . **Meta jien għedt li l-Polza ta' kariku ma kienetx ġirata ridt ingħid li ma kienetx ġirata favur terza persuna u senjatament mhux favur il-Banco Nazionale del Lavoro di Bari"** (fol. 45).

Fl-ittra, imbagħad, li l-Bank ta' Malta bagħat lill-Banca ta' Bari, datata 5 ta' Mejju, 1962 ġie similment spjegat illi huma ma setgħux jinjoraw il-mandat ta' sekwestru "once the documents were **not** (issottolinear hu tagħhom) accompanied by a draft **endorsed to your order** nor was the bill of lading **endorsed to your order. A** garnishee order may be ignored when **either** the draft or **bill of lading** is endorsed **in favour of another party"**. (is-sottolinear f'din l-aħħar

sentenza hu tal-Qorti).

Hawn qegħda l-kwistjoni u sar l-iżball. Inveċe, kif ġa ntqal fuq, il-ġira anki in bjank tal-polza ta' kariku segwita bil-konsenja lill-Banca ta' Bari kienet tagħtiha l-istess dritṫijiet li jispettaw lill-ġiratarju b'ġirata piena, ċioe in sostanza l-proprjetà tal-merċi, u dik il-Banca għalhekk kienet l-unika titolari ta' l-import inkassat fuq id-dokumenti u unika kreditriċi fil-konfront tal-Bank Malti. Il-Banca ta' Bari ma kienetx, in vista tal-ġirata tal-polizza u ta' l-iskont effettwat minnha, taġixxi bħala mandatarja jew prokuratriċi tad-ditta appellanti iżda bħala proprjetarju u titolari. Kif ġa ġie rilevat "la girata, anche in bianco (purche tkun regolari: Vol. XVII, III, 86) trasferisce la proprieta al possessore, e questi non si ritiene come semplice procuratore del suo girante."

Kwindi s-sekwestru kontra d-ditta appellanti ma satax jikkolpixxi l-flus inkassati għan-nom tal-Banca ta' Bari u s-somma trattenuta mill-Bank ta' Malta fuq dak is-sekwestru ġiet tratenuta illeġittimament.

Proprjeta oħra hawn Malta li fuqha s-sentenza kontra tagħha tista' tiġi eżegwita, id-ditta appellanti m'għandiex u għalhekk l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-Qrati tagħna sollevata mill-appellanti hi fondata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi illi tilqa l-imsemmija eċċezzjoni u kwindi tilqa l-appell, tiddikjara li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża u għalhekk tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lid-ditta konvenuta mil-osservanza tal-ġudizzju. Salv kull dritt u azzjoni li l-attur jista' jkollu kontra min "si et quatenus" skond il-liġi. Kwantu għall-ispejjeż, in vista tal-fatt li dik l-eċċezzjoni ġiet sollevata biss fl-appell, il-

Qorti tordna li jibqgħu mingħajr taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsu l-*attur* appellat.